# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 316/2015**

Il-Pulizija

vs

**Anthony Galea**

iben George, imwieled Pieta', fil-5 ta' Dicembru, 1969, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 488369(M)

Illum 24 ta' Ottubru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Anthony Galea quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli nhar it-Tlieta 2 ta' Diċembru, 2014 għal ħabta tal-00.15hrs fl-inħawi tar-Rabat, Malta, u f'dawn il-ġzejjer waqt staġun magħluq ħa jew ipprova jieħu b'xi mezz, xi għasfur meta ma ssodisfax il-kundizzjonijiet kollha speċifikati fil-liċenjza speċjali għall-insib tal-melvizz u pluviera limitat fil-Ħarifa tal-2014 maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamenti għall-Għasafar selvaġġi u f'kull liġi oħra u cioè nasab waqt staġun magħluq bi ksur ta' kundizzjoni numru 2 tal-imsemmija liċenzja, bi ksur tal-L.S. 504.123 hekk kif emendat L.S. 504.124;

Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħa jew ipprova jieħu xi għasfur waqt l-istaġun magħluq għat-teħid ta' għasafar kif jista' jiġi permess skond dawn ir-regolamenti u dan bi ksur ta' S.L. 504.71 reg. 18(1)(c);
Talli ukoll fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bejn sagħtejn wara nżul ix-xemx u sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx tal-għada filgħodu, ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, ha jew ipprova jieħu xi għasfur b'xi mezz, jew ġarr xi arma tan-nar li tkun ikkargata, jew barra l-għata tagħha u dan bi ksur tar-regolament 19(1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat,

Il-Qorti ġiet mitluba li bis-saħħa ta' regolament 27 tal-A.L. 79 hekk kif emendat (L.S.504.71) barra li tagħti l-piena skont il-liġi, tordna il-konfiska tal-corpus delicti u s-sospenzjoni jew ir-revoka ta' kull liċenzja jew permess maħruġ taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u dan taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal perjodu applikabbli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-27 ta' Mejju, 2015 fejn il-Qorti wara li rat il-kundizzjoni numru 2 imsemmija Liċenzja Speċjali tal-LS 504.123 kif emendat LS 504.124, Regolament 18(1)(c) LS 504.71 u Regolament 19(1) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 504.71, sabet lill-imputat ħati u għaldaqstant kkundannatu multa ta' elfejn u erba' mitt ewro (€2,400). Ordnat il-konfiska tal-oġġetti ezebiti u tordna s-sospenzjoni tal-liċenzja għal sentejn.

Rat ir-rikors tal-appellanti Anthony Galea minnu ppreżentat fit-8 ta' Ġunju, 2015 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tillibera lill-esponenti minn kull imputazzjoni u ħtija skond il-liġi, u rigwardanti l-piena, subordinatament u mingħajr pregudizzju għall-aggravji dwar il-mertu, f'każ li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-ħtija, illi tvajra u timmodifika s-sentenza appellata kwantu piena billi tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta skond il-każ.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-esponenti sejjer jitratta l-aggravji tiegħu billi **fl-ewwel lok** juri kif, bir-rispett, stante li l-inċident mertu tal-appell allegatament ġara fit-2 ta' Diċembru 2014, ossia fi żmien meta l-istaġun għall-insib kien uffiċjalment miftuħ, l-esponenti għandu awtomatikament jiġi liberat mill-ewwel

u t-tieni imputazzjonijiet stante li dawn jitrattaw l-insib waqt l-istaġun magħluq; **fit-tieni lok**, l-esponenti sejjer juri kif mingħajr pregudizzju għall-ewwel aggravju, f'kull każ il-provi kif prodotti mill-prosekuzzjoni ma jressqux sal-grad tal-prova rikjest mill-liġi biex jigi pruvat li l-esponenti fit-2 ta' Diċembru 2014, għall-ħabta tal-00.15hrs, huwa kien qiegħed jonsob, u konsegwentament huwa għandu jiġi liberat mit-tlett imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu; u **fit-tielet u l-aħħar lok**, illi strettament mingħajr pregudizzju dwar l-aggravji l-oħra kollha, illi kellha tingħata piena aktar miti.

## A. L-EWWEL ŻEWĠT IMPUTAZZJONIJIET – INSIB WAQT STAĠUN MAGĦLUQ

Mhux kontestat illi l-imputazzjonijiet fiċ-ċitazzjoni jitrattaw id-data tat-2 ta' Diċembru, 2014.

L-esponenti umilment jissottometti illi f'tali data l-istagun ghall-insib kien miftuh, u dan stante li l-istagun tal-insib fil-Harifa tal-2014 kien miftuh bejn l-20 ta' Ottubru 2014 u l-31 ta' Dicembru 2014. Nonostante ciò l-prosekuzzjoni għoġobha takkuża lill-esponenti li huwa kien qed jonsob fi staġun magħluq, u dan skond il-prosekuzzjoni, stante li l-akkuża titratta l-ħin tal-00.15hrs. Iżda l-esponenti, bir-rispett, jissottometti illi anke jekk għall-grazzja tal-argument, u għall-grazzja tal-argument biss, jirriżulta li l-esponenti kien qed jonsob fid-data u l-ħin indikati fiċ-ċitazzjoni, huwa xorta waħda għandu jiġi liberat mill-ewwel żewġt imputazzjonijiet. Dan stante li wieħed mill-elementi materjali tar-reat, i.e. "l-istaġun magħluq", huwa għall-kollox nieqes, stante li t-2 ta' Diċembru, 2014 kien waqt staġun miftuħ.

Il-L.S. 504.71, f'regolament 2, tagħti definizzjoni ta' "staġun magħluq" u "staġun miftuħ" u insibu li:

> 'staġun magħluq" tfisser, dwar il-kaċċa u t-teħid ta' l-għasafar, dawk il-perjodi li jaqgħu barra mill-istaġun miftuħa, u li fihom mhumiex permessi l-kaċċa u l-t-teħid tal-għasafar;

> "staġun miftuħ" tfisser, dwar il-kaċċa u t-teħid tal-għasafar, dawk il-perjodi kif stabbiliti mill-Ministru skond ir-regolament 10(6), li fihom huma permessi l-kaċċa u t-teħid tal-għasafar;

Il-L.S. 504.124 imbgħad f'regolament 2, tiddefinixxi "staġun għall-insib tal-għasafar tal-għana fil-Ħarifa" bħala:

> "Il-perjodu li fih huwa permess l-insib għall-għasafar tal-għana matul staġun tal-Ħarifa li jista' jiġi stabbilit skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 4."

Għaldaqstant:

- ✓ fid-dawl tal-fatt li "staġun magħluq" jitkellem dwar dawk il-perjodi li **jaqgħu barra** l-istaġun mitfuħ;
- ✓ fid-dawl tal-fatt illi mill-banda l-oħra, "staġun miftuħ" **jinkludi** l-perjodu hekk kif stabbilit mill-Ministru;
- ✓ tenut kont tal-fatt li l-L.S. 504.122 fejn l-perjodu għall-istaġun tal-insib tal-Ħarifa 2014 kien dikjarat mill-ministru bħala miftuħ mill-20 ta' Ottubru, 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014;
- ✓ it-2 ta' Diċembru 2014, kien x'ħin kien, qatt ma kellu jiġi meqjus bħala staġun magħluq, stante li tali data hija kompriża u inkluża fil-perjodu ta' bejn l-20 ta' Ottubru 2014 u l-31 ta' Diċembru 2014 – perjodu dikjarat bħala staġun miftuħ fil-L.S. 504.122.

Kosegwentament, fid-dawl tal-fatt illi l-ewwel żewġt imputazzjonijiet jitrattaw insib waqt staġun magħluq, l-esponenti umilment jissottometti illi stante li d-data tal-inċident hija inkluża fil-perjodu li kien miftuħ għall-insib fil-Ħarifa, ma jissussistux l-elementi kollha tar-reat, u għalhekk l-esponenti għandu jiġi liberat minnhom.

Finalment l-esponenti jirrileva illi hemm distinzjoni bejn il-fatt li wieħed jonsob fi staġun magħluq, f'data barra mid-data kontemplati fil-L.S. 504.122, u li wieħed jonsob f'data kontemplata fil-L.S. 504.122, ossia fi staġun miftuħ, iżda f'ħin meta mhux permess l-insib. U l-fatt li l-prosekutur għoġbu li fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2015, jitlob korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni, u jżid it-tielet

imputazzjoni, jkompli se mai, jikkorrobora dak li qed jgħid l-esponenti, u jsaħħah il-fehma tiegħu, li probabilment anke l-uffiċjal prosekutur induna li l-ewwel żewġt imputazzjonijiet ma setgħu qatt jirriżultaw u konsegwentament żied it-tielet imputazzjoni.

## B. IL-PROVI KIF PRODOTTI MILL-PROSEKUZZJONI MA JRESSQUX SAL-GRAD TAL-PROVA RIKJEST MILL-LIĠI GĦALL-SEJBIEN TA' ĦTIJA

It-tlett imputazzjonijiet li bihom l-esponenti huwa rinfaċċat huma bażikament fl-ewwel tnejn, li l-appellanti kien qed jonsob fi staġun magħluq, u fit-tielet waħda, l-esponenti huwa rinfaċċat b'imputazzjoni li kien qed jonsob fi staġun miftuħ, iżda barra mill-ħinijiet permessi. Jidher għalhekk, illi strettament mingħajr pregudizzju għall-ewwel aggravju (A) supra, element materjali li jrid jiġi pruvat fit-tlieta li huma huwa li l-esponenti, fid-data u fil-ħin indikat fiċ-ċitazzjoni, effettivament kien qed jonsob. In oltre, tali prova trid tinġieb sal-livell ta' mingħajr dubju dettat mir-raġuni. Fin-nuqqas, l-appellanti għandu jiġi liberat, u jiġi liberat bi dritt u mhux bi pjaċir.

Xi provi resqet il-prosekuzzjoni?

L-affidavits ta' tlett uffiċjali tal-pulizija kollha juru li l-pulizija x'ħin marret fuq is-sit ma sabet lil ħadd fuq barra fuq il-mansab jew barra fil-miftuħ fil-kampanja.

B'lealtà lejn dina l-Onorabbli Qorti u għall-korrettezza, huwa minnu li l-uffiċjali tal-pulizija jgħidu li sabu żewġt imnasab minsuba u decoys tal-plastik, iżda mill-banda l-oħra, il-buon sens jiddetta li tali żewġt affarijiet weħidhom ma huma ser jaqbdu l-ebda għasfur. Dan speċjalment fid-dawl tal-fatt supra indikat li fuq barra, la fuq il-mansab, u lanqas barra imkien ieħor fil-kampanja, ma kien hemm ħadd – *multo magis* l-esponenti ma kienx hemm!

L-esponenti, infatti, kif del resto iddikjaraw ukoll it-tlett pulizija stess, kien ġo kamra taħt l-art, u ħareġ biss minn tali kamra l-mument li s-surgent beda jgħajjat biex jekk kien hemm xi ħadd fil-kamra dan joħroġ.

Huwa minnu li żewġt pulizija jippruvaw jitfgħu dell ikrah fuq l-esponenti u jgħidu li l-esponenti meta ħareġ kien liebes ħwejjeġ li jintużaw għall-kaċċa u l-insib, iżda mill-banda l-oħra PS 305 jghid li l-esponenti kien liebes qalziet aħdar li jintuża għall-kaċċa u flokk ta' taht. Dan l-aħħar punt huwa importanti għaliex se mai, jkompli jikkorrobora dak li qal l-esponenti meta xehed u cioè li huwa kien rieqed u meta sema' l-għajjat, huwa tefa' qalziet fuqu sabiex ma joħroġx bil-qalziet ta' taħt, però baqa bil-flokk ta' taħt.

Dawn huma l-uniċi provi li ressqu l-prosekuzzjoni in sostenn tal-imputazzjonijiet, u l-esponenti umilment jissottometti illi tali provi ma jistgħu iwasslu qatt iwasslu għall-livell ta' prova mingħajr dubju dettat mir-raġuni li l-esponenti fit-2 ta' Diċembru 2014 fil-00.15hrs l-esponenti kien qed jonsob. Konsegwentament, ma jistgħu qatt iwasslu għall-dikjarazzjoni ta' ħtija.

L-esponenti umilment jissottometti illi s-suspett fil-kamp penali ma huwiex prova, u ħadd ma għandu jagħmel ezerċizzju tali li fejn il-provi ma jwasslux allura dak l-vojt jiġi mimli bi presuppozizzjonijiet u suspetti. Dan speċjalment fid-dawl tal-fatt li filwaqt li l-pulizija qed jgħidu li sabu żewġt imnasab minsuba fil-00.15hrs, qed jgħidu ukoll li fl-istess ħin l-esponenti ma kienx barra, iżda kien ġo kamra taħt l-art!

Dawn il-provi se mai juru li l-provi li ressqet il-prosekuzzjoni ma jwasslux għall-istess direzzjoni – bniedem jew ikun jonsob fuq is-sit jew rieqed ġo kamra taħt l-art.

Dawn is-sottomissjonijiet jieħdu xejra iktar importanti meta wieħed jikkonsidra l-mod ta' kif ġiet redatta ċ-ċitazzjoni u l-imputazzjonijiet. L-imputazzjonijiet kollha jirreferu għall-ħin u data partikolari, ossia it-*"2 ta' Diċembru 2014 għall-ħabta tal-00.15hrs"*.

Tenut kont il-premess, fid-dawl tal-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali dwar x'għandha tikkontjeni ċ-ċitazzjoni, kif ukoll tal-ġurisprudenza nostrana[1] dwar l-importanza li tali dettalji jiġu

[1] Vide b'mod speċjlali Il-***Pulizija vs Rita Zammit***, deċiza mill-Qorti tal-Appell, nhar l-14 ta' April 2004, Il-Pulizija vs ***Francesco sive Godwin Scerri***, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar l-4 ta' Frar 2011, u ***Il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech et.***, deċiza per Mag. Dr. Clarke, nhar it-23 ta' April 2012.

pruvati, pruvati b'mod korrett u li l-imputat għandu jwieġeb għal dak indikat fiċ-ċitazzjoni u xejn iżjed, l-esponenti umilment jissottometti illi allura fid-dawl tal-provi kollha kif prodotti, kull ma ġie pruvat fil-każ odjern kien li fil-00.15hrs kien hemm żewġt imnasab minsuba filwaqt però li l-esponenti ma kienx fuq il-post u minflok kien rieqed ġo kamra taħt l-art.

Konsegwentament, bir-rispett, ma nġabet l-ebda prova li fil-00.15hrs l-esponenti kien qed jonsob, għaliex skond l-istess pulizija f'dak il-ħin l-esponenti kien qiegħed ġo kamra taħt l-art u ħareġ minn hemm bil-flokk ta' taħt (anke jekk b'qalziet li aħdar tal-camoflouge), u skond l-istess esponenti fix-xhieda tiegħu u skond Edward Tanti, l-esponenti u sieħbu dak il-ħin kienu reqdin.

Fl-aħħar lok, in sostenn ta' dan l-argument l-esponenti jagħmel umili referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***il-Pulizija vs Nazzareno Aquilina,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell per Imħallef Dr. J Galea Debono, fil-5 ta' Novembru, 2003. Hawnhekk Aquilina kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati talli waqt staġun miftuħ għat-teħid ta' għasafar minn fuq l-art, ha jew ipprova jieħu xi għasfur, u talli kellu fil-pussess tiegħu xi mezz elettriku jew elettroniku (*pre-recorded bird calls*). Il-fatt kienu sempliċi, fejn il-pulizija kienu marru fuq mansab fejn kien hemm l-appellat u hemm fil-kamrin li kien hemm maġemb id-dura sabu w elevaw bird caller li dak il-ħin kien mitfi . Il-ħin kien xis-6.30 p.m. u l-mansab kien armat b'kollox lest għall-insib. F'dan il-każ lanqas ma kien kontestat li fil-kamrin kien hemm attrezzi li flimkien jagħmluha possibbli li wieħed juża sistemi elettroniċi w partikolarment l-użu ta' tisfir ta' għasafar reġistrati. Però, stante li dak il-ħin li nstab il-bird caller mill-pulizija dan l-apparat kien mitfi, a bażi tal-provi li kellha, u fin-nuqqas tal-prova li l-esponenti kien qed juża l-bird caller, il-Qorti tal-Appell ma sabitx lil Aquilina ħati talli iprpova jonsob permezz ta' *bird caller*, u sabitu biss ħati tal-pussess ta' tali *bird caller*.

L-esponenti umilment jissottometti illi dan huwa, bir-rispett, l-ezerċizzju li għandha tagħmel il-Qorti biex tiddeċiedi jekk hemmx ħtija o meno. L-esponenti umilment jissottometti illi s-suspett mhux prova, u fejn il-provi ma jwasslux sal-ħtija, wieħed ma għandux jippresumi u jasal għal konkluzjonijiet, li ma jirriżultaw minn imkien mill-proċess.

Fil-każ in kwistjoni, fit-2 ta' Diċembru, 2014, fil-00.15hrs, il-pulizija, għalkemm sabu l-imnasab armati, lill-esponenti ma sabuhx barra fuq il-mansab jew barra fil-miftuħ, iżda ġewwa, ġo kamra

taħt l-art, u ħareġ wara li huma għajjtu biex min hemm fil-kamra joħroġ. Din hija l-prova li tressqet quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, u a bażi ta' din il-prova, b'kull dovut rispett dikjarazzjoni ta' ħtija tirrendi l-ġudizzju *unsafe and unsatisfactory*.

In konkluzjoni, l-esponenti jagħmel umili referenza wkoll għax-xhieda tiegħu li huwa ta quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, kif ukoll għat-testimonjanza ta' Edward Tanti fejn it-tnejn li huma jiddikjaraw li fit-2 ta' Diċembru, 2014 għall-ħabta ta' 00.15hrs, huma kienu reqdin u qamu x'ħin semgħu għajjat minn barra u l-esponenti ħareġ u sab il-pulizija.

Huwa minnu li l-esponenti fix-xhieda tiegħu jammetti u jagħti spjegazzjoni għaliex matul il-lejl huwa ħalla l-mansab minsub, però, b'kull dovut rispett, tali aġir ma jikkostitwixxix ir-reati kontemplati fiċ-ċitazzjoni, ossia l-insib waqt staġun magħluq, jew insib fl-istaġun tal-insib iżda barra mill-ħinijiet li fihom huwa permess l-insib, u konsegwentament xorta waħda ma jistax jinstab ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu.

**C. KELLHA TINGĦATA PIENA AKTAR MITI.**

L-esponenti fl-ewwel lok, umilment jissottometti, illi strettament mingħajr pregudizzju għall-fatt illi l-esponenti qed jikkontendi illi huwa għandu jiġi liberat mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu, jekk dina l-Onorabbli Qorti xorta waħda jogħġobha, b'kull dovut rispett, l-piena li ngħatat mill-Ewwel Qorti għandha tiġi f'kull każ ridotta, stante li hija waħda esagerata tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, b'mod speċjali meta wieħed iqabbel il-każ odjern ma każijiet simili jew iktar gravi minn dan, fejn xorta waħda il-kazijiet l-oħrajn ingħataw pieni iktar miti mis-sentenza odjerna.

Fit-tieni lok, f'każ li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa' parzjalment l-aggravji tal-appellant, b'dan li jiġi liberat mill-ewwel u t-tieni imputazzjoni u mhux mit-tielet imputazzjoni, l-esponenti umilment jissottometti illi dan ukoll għandu jwassal awtomatikament għall-riduzzjoni fil-piena.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi **l-ewwel aggravju** mressaq mill-appellat huwa dwar l-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuża miġjuba fil-konfronti tiegħu. L-ewwel żewġ akkużi huma dwar li l-appellat prova jieħu xi għasfur matul staġun magħluq.

Illi l-appellat ġie akkużat li kien qed jonsob fi staġun magħluq bid-data tat-2 ta' Diċembru, 2014.

Huwa stat ta' fatt illi s-staġun tal-insib għas-sena 2014 kien ġie dikjarat bħala miftuħ mill-20 t'Ottubru, 2014 sal-31 ta' Diċembru, 2014 permezz tal-L.S. 504.122.

Għaldaqstant dan l-aggravju qed jiġi milqugħ.

**It-tieni aggravju** mressaq mill-appellant huwa dwar l-fatt li l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni ma jressqux sal-grad tal-prova rikjest mill-Liġi

Il-Prosekuzzjoni preżentat tlett affidavits bħala provi.

Fl-affidavit tiegħu PS 305 A Gauci jiddeskrivi li flimkien ma' PC 804 u PC 1209 meta kienu qed jagħmlu spezzjoni sabu żewġ imnasab minsuba u li ma ġenb il-mansab kien hemm żewġ Pluvieri ħajjin li kienu qed jintużaw bħala Life Decoys u kif ukoll f'nofs l-imnasab kien hemm għaxar Pluveri decoys tal-Plastik . Id-dura kienet miftuħa u peress li ma beda jara lil ħadd beda jgħajjat. Umbgħad ħarġu Anthony Galea ( li kien liebes qalziet aħdar li jintuża għall-kaċċa u flok ta' taħt) u Edward Tanti. Dan tal-aħħar qalilhom li huwa ma kienx qed jonsob imma kien qiegħed hemm bħala kumpanija biss. Huwa staqsa lil Anthony Galea jekk il-mansab humiex minsuba u hu qal li dak il-ħin qallu 'Iva Sir mnasab jinsabu minsuba oqgħodu attenti għax tistgħu tweġġgħu'.

Fl-affidavit tiegħu PC 804 Leonard Formosa jikkonferma dak li qal PS 305 A Gauci fl-affidavit tiegħu u jiddeskrivi lil Anthony Galea ħiereġ minn taħt l-art bi ħwejjeġ addatti għall-insib u għall-kaċċa (Fol 11). Huwa jgħid li s-sur Galea jammetti magħhom li l-mnasab jinsabu minsuba u għalhekk ġew elevati l-liċenżji speċjali għall-insib għall-għasafar tal-għana u għall-Pluvieri fil-Ħarifa, il-Carnet de Chasse u s-site plan.

PC 1209 E Grima fl-affidavit apparti li jikkonferma dak li qalu PS 305 A Gauci u PC 804 Leonard Formosa fl-affidavit tagħhom. Huwa jiddeskrivi lil Anthony Galea ħiereġ minn kamra taħt l-art u li kien libes qalziet li jintuża għall-kaċċa.

Fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti l-appellant spjega li ħareġ minn kamra taħt l-art meta sema' l-għajjat tal-Pulizija, li d-dura kienet miftuħa imma ma kienx qed jonsob għax kien rieqed u għassa għax kull sena jisirqulhom l-affarijiet. Huwa jammetti li kien hemm kollox armat lest għall-insib għall-filgħodu għax biex jarma kollox jagħmel ġimgħa. Huwa jispjega li ma kien armat bl-ebda mod biex ikun jista' jara l-għasafar u jaqbadhom f'dak id-dlam, in oltre, huwa ma kienx fid-dura jew lest biex jiġbed ix-xbieki.

Id-Difiża ssottomettiet li l-ilbies li kien libes l-appellant juri biċ-ċar li ma kienx qiegħed jonsob. Fl-affidavit tiegħu PS 305 qal li Anthony Galea ħareġ mill-kamra taħt l-art bil-flokk ta' taħt u qalziet aħdar tal-kaċċa. Dan kien f'nofs ta' lejl fil-bidu ta' Diċembru jiġifieri ma setax kien qiegħed jonsob b'dak it-tip t'ilbies barra iżda li kif qal hu kien rieqed fil-kamra u ħareġ jiġri x'ħin sema' l-għajjat tal-Pulizija.

Fir-rigward tat-tielet akkuża huwa ġie akkużat li :

'*Talli ukoll fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bejn sagħtejn wara nżul ix-xemx u sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx tal-għada filgħodu, ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, ha jew ipprova jieħu xi għasfur b'xi mezz, jew ġarr xi arma tan-nar li tkun ikkarġata'*

Fil-ħin li sabu l-mansab il-Pulizija u cioe' fil-00:14hrs fit-2 ta' Diċembru, 2014 , m'hemmx dubju li kien żgur sagħtejn wara nżul ix-xemx u ferm iktar minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx filgħodu. In oltre, fl-ebda ħin ma jisemma li kien hemm xi arma jew li l-appellant kien qed jikkaċċja. Għalkemm id-dura kif qalu l-Pulizija u kif qal l-appellant kienet miftuħa, l-Pulizija jikkonferma li kien tela' minn kamra taħt l-art. Huwa diffiċli biex tikkaċċja minn taħt l-art. In oltre, fix-xhieda tiegħu l-appellant jikkonferma li huwa ma kellux l-apparat biex ikun jista' jikkaċċja jew jonsob bil-lejl biex tonsob jew tikkaċċja bil-lejl irid ikollok xi forma ta' apparat li tippermettilek tara fejn qed tispara jew kif ser tiġbed ix-xibka.

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qed tilqa' l-appell ta' Anthony Galea tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull piena u ħtija.